MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1909/2002

**Joseph Debono**
**vs**
**Joseph Cauchi**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fit-8 t'Awissu, 2002, fejn intalab l-ammont ta' tmien mija u disgha u tletin lira Maltija (LM839.00) jew somma verjuri rapprezentanti hlas dovut ghal xoghol ta' tikhil u xoghol relatat maghmul mill-attur f'April, 2002 fuq ordni tal-konvenut gewwa 'Emanuel', Triq Salvinu Vella, Mellieha kif ukoll prezz ta' materjal uzat ghall-istess xoghol.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja datata 28 ta' Gunju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-19 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici ghandha**

**tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-ammont pretiz mhux dovut.**

**Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-ammont pretiz huwa ferm eccessiv, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.**

**Ikkunsidra;**

**Illi kif regolament jissucjedi, xoghol ta' l-idejn ta' certa entita ma jsir l-ebda ftehim u lanqas dwar il-hlas ghal mano d'opera.**

**Dan il-kaz ma hux specjali aktar minn kazijiet ohra simili ghalih. Meta jitlesta x-xoghol, tinqala' divergenza dwar ir-remunerazzjoni. 'Ex admissis', il-konvenut fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2003, (Fol 29) ma hemmx kontestazzjoni, allura ghandha tigi accettata s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (LM150.00) bhala spejjez minfuqa u dovuta minnu.**

**Illi l-kontestazzjoni hija limitata dwar il-valur tax-xoghol. Fin-nuqqas ta' ftehim bil-quddiem u minn wara, l-attur jippretendi hlas bil-gurnata, filwaqt li l-konvenut jippretendi li jhallas tax-xoghol maghmul.**

**Illi l-pretensjoni attrici tikkoncerna pretensjoni ta' hlas a bazi ta' granet mahduma. Din hija sistema antikwata u arbitrarja fis-sens li min qed jircievi x-xoghol huwa sokkombenti ghal disklazzjoni ta' min jippresta s-servizz. Dan ma jaghtix kwantita tax-xoghol. F'dan ir-rigward ir-ricevitur ikun ghall-hniena tal-prestatur. Dan mhux mod xjentifiku jew modern kif jigi valutat ix-xoghol. Ix-xoghol ghandu jigi valutat skond l-istess natura ta' xoghol u jinvolvi x'jisthoqlu li jiswa – mhux sempliciment skond kemm jehodlu hin jew zmien lill-prestatur.**

**Illi r-rapport prezentat mill-perit tal-konvenut ma giex kontestat bl-istess mod prattiku u xjentifiku. Anzi l-istess rapport gie sussegwentament aggornat wara debita verifika da parti ta' l-attur.**

**Illi t-Tribunal ma jistax ma jaccettax kont preparat dettaljament skond il-prattika u r-regolamenti meta l-enfasi, fin-nuqqas ta' qbil antecedenti ghall-inkarigu, ghandha tillimita ruhha fuq id-debita prestazzjoni u mhux l-estenzjoni taz-zmien a libera xelta tal-prestitur.**

**L-ammont rivedut jitla' ghal tliet mija u disgha u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM369.61), liema ammont qed jigi addottat minn dan it-Tribunal, li flimkien ma' l-ispejjez ta' mija u hamsin Lira Maltija (LM150.00) jitla ghal hames mija u dsatax –il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM 519.61).**

**Jiddeciedi billi jilqa limitatament it-talba attrici ghas-somma ta' hames mija u dsatax –il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM519.61) u jichad f'dan is-sens l-eccezzjoni tal-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u dsatax –il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM519.61) bl-ispejjez (stante li ma giet depozitata l-ebda somma da parti tal-konvenut) u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------